**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 13 ta' Lulju 2017**

**Pulizija**

**Spettur**

**Robert Vella**

**Vs**

**Angelo Grech**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Angelo Grech ta' 66 sena, bin il-mejjet Paul u Carmela nee' Scerri, imwieled Haz-Zabbar nhar l-1 ta' Frar, 1951 u li joqghod fil-fond numru 69, Triq Abela, Santa Venera w detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 124851(M);

Talli nhar is-7 ta' Marzu, 2016, ghall-habta tad-9:00 ta' filghaxija gewwa l-lokalita' ta' Santa Venera:

1) Gieghel annimal u cioe' qattus isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fit-13 ta' Lulju 2017, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikolu 8(2) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha b'multa t'elfejn euro (€2,000).

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**